Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021

P9_TA(2021)0248

It-treġġigħ lura tax-xejriet demografiċi fir-reġjuni tal-UE bl-użu tal-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2021 dwar it-treġġigħ lura tax-xejriet demografiċi fir-reġjuni tal-UE bl-użu tal-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni (2020/2039(INI))

(2022/C 15/11)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-moviment liberu tal-ħaddiema, li huwa ggarantit mill-Artikolu 45 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 174 TFUE dwar it-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 107(3)(c) TFUE, li jippermetti li l-għajnuna tintuża biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti żoni ekonomiċi, sakemm din l-għajnuna ma taffettwax b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni (reġjuni tal-"kategorija c"),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-TFUE dwar ir-Reġjuni Ultraperiferiċi,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9, 46, 47, 48 u 147 TFUE dwar diversi aspetti ta' xogħol u impjieg fl-UE,

— wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-prinċipji 2, 3 u 20,

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għal dawn u għall-Fond tal-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond tas-Sigurtà Interna u l-Istrument tal-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi, (COM(2018)0375), u b'mod partikolari l-Kapitolu II tiegħu dwar l-iżvilupp territorjali,

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u għar-Reżiljenza (COM(2020)0408),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2018 dwar it-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni Ewropea: is-seba' rapport tal-Kummissjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2017 dwar l-użu ta' strumenti tal-politika ta' koeżjoni mir-reġjuni biex jiġi indirizzat it-tibdil demografiku ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2011 dwar it-tibdil demografiku u l-konsegwenzi tiegħu għall-politika ta' koeżjoni futura tal-UE ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tas-27 ta' Marzu 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 20 TFUE, ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 ([5]) u d-Direttiva 2004/38/KE ([6]) dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema u l-familji tagħhom fl-Unjoni,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2020 dwar l-impatt tat-tibdil demografiku,

---

([1]) ĠU C 390, 18.11.2019, p. 53.
([2]) ĠU C 356, 4.10.2018, p. 10.
([3]) ĠU C 153 E, 31.5.2013, p. 9.
([4]) ĠU C 108, 26.3.2021, p. 566.
([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1).
([6]) Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri i u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021

— wara li kkunsidra l-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2020 bit-titolu "L-iżvilupp rurali: viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali" ([7]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Sfidi Demografiċi – it-Triq 'il Quddiem", adottati fit-8 ta' Ġunju 2020,

— wara li kkunsidra l-Green Paper bit-titolu "It-Tixjiħ: Inrawmu solidarjetà u responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet", ippreżentata mill-Kummissjoni fis-27 ta' Jannar 2021,

— wara li kkunsidra l-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Il-bidla demografika fl-Ewropa: Green Paper dwar it-tixjiħ" ([8]),

— wara li kkunsidra r-rapport tan-Network Ewropew għall-Osservazzjoni tal-Iżvilupp u l-Koeżjoni Territorjali (ESPON) ta' Diċembru 2017 dwar il-ġeografija tad-dinamika ġdida tal-impjiegi fl-Ewropa,

— wara li kkunsidra s-sommarju ta' politika tal-ESPON ta' Ġunju 2019 bit-titolu "Addressing labour migration challenges in Europe: An enhanced functional approach" (L-indirizzar tal-isfidi tal-migrazzjoni tal-ħaddiema fl-Ewropa: Approċċ funzjonali mtejjeb),

— wara li kkunsidra r-rapport dwar il-Prospetti tal-Popolazzjoni Dinjija 2019 mid-Diviżjoni tal-Popolazzjoni tad-Dipartiment għall-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Impatt tat-Tibdil Demografiku mis-17 ta' Ġunju 2020 ([9]),

— wara li kkunsidra l-Indiċi Ewropew tal-Kompetittività Reġjonali 2019,

— wara li kkunsidra d-dokument tal-OECD dwar l-Adattament għat-Tibdil Demografiku li tħejja għall-ewwel laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-G20 dwar l-Impjiegi li saret taħt il-Presidenza Ġappuniża tal-G20 mill-25 sas-27 ta' Frar 2019 f'Tokyo,

— wara li kkunsidra l-"miri ta' Barċellona" tal-2002,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-2016 dwar l-impatt tat-tibdil demografiku fuq reġjuni Ewropej,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-2018 bit-titolu "Addressing brain drain: The local and regional dimension" (L-indirizzar tal-eżodu ta' moħħ: Id-dimensjoni lokali u reġjonali),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "It-Tibdil Demografiku: Proposti dwar il-Kejl u l-Indirizzar tal-Effetti Negattivi tiegħu fir-Reġjuni tal-UE" tat-12-14 ta' Ottubru 2020,

— wara li kkunsidra l-Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-Kummissjoni, li tinsab fl-istadju ta' tħejjija,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Irkupru Rurali" tat-8-10 ta' Diċembru 2020;

— wara li kkunsidra r-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt territorjali tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-tibdil demografiku tat-30 ta' Jannar 2020,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

([7]) Ares(2020)3866098
([8]) Ares(2020)6799640
([9]) https://ec.europa.eu/info/files/report-impact-demographic-change-reader-friendly-version-0_en

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A9-0061/2021),

A. billi d-distribuzzjoni tal-popolazzjoni fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE, kif ukoll l-istabbiltà jew it-tibdil tagħha, għandhom dinamika differenti ħafna bejn l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom, b'impatti mhux ugwali fuq il-fenomenu tad-depopolazzjoni, u fl-aħħar mill-aħħar fuq il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tal-Unjoni; billi skont l-Indiċi Ewropew tal-Kompetittività Reġjonali 2019 hemm distakk bejn ir-reġjuni kapitali/metropolitani u ż-żoni aktar periferiċi, bi 78 % tal-popolazzjoni Ewropea li qed tgħix f'żoni urbani jew f'żoni urbani funzjonali, u li qed tibbenefika minn servizzi ta' kwalità fl-enerġija, fit-trasport u fil-konnettività diġitali, filwaqt li ħafna żoni periferiċi għadhom qed jiffaċċjaw diffikultajiet f'dan ir-rigward; billi l-politika ta' koeżjoni, bħala s-sors ewlieni tal-investiment pubbliku fl-UE, li jammonta għal 8,5 % tal-investiment kapitali tal-gvern, jista' jkollha rwol importanti fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi demografiċi, anke bil-ħsieb li jiġi ppreservat il-bilanċ demografiku naturali tal-UE fit-tul;

B. billi għall-finijiet ta' dan ir-rapport "reġjuni ta' oriġini" huma reġjuni li qed jitilfu ħiliet u/jew kompetenzi ta' livell għoli (f'settur/qasam wieħed jew aktar) għall-vantaġġ ta' reġjuni oħra bħala riżultat ta' emigrazzjoni permanenti fuq perjodu ta' żmien speċifiku, u "reġjuni ospitanti" tirreferi għal reġjuni li qed jiksbu ħiliet u/jew kompetenzi ta' livell għoli (f'settur/qasam wieħed jew aktar) bħala riżultat tal-immigrazzjoni permanenti fuq perjodu ta' żmien speċifiku;

C. billi x-xejriet demografiċi huma influwenzati wkoll mit-tibdil fil-klima u b'mod partikolari mill-għargħar u l-mewġiet ta' sħana relatati ma' dan il-proċess; billi approċċ ikkoordinat li jintegra l-prinċipji tas-sostenibbiltà, tal-ekoloġizzazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni fil-politiki differenti tal-UE jista' jikkontribwixxi wkoll biex ireġġa' lura x-xejriet demografiċi negattivi;

D. billi hemm korrelazzjoni qawwija bejn l-għoti tas-servizzi soċjali, il-konnettività fiżika u tal-ICT, l-edukazzjoni u l-opportunitajiet tax-xogħol fuq naħa waħda, u l-kapaċità li ċerti żoni jżommu u jattiraw il-popolazzjoni lejhom fuq in-naħa l-oħra; billi ħafna reġjuni tal-UE, inklużi żoni rurali li jikkostitwixxu 44 % tas-superfiċje tal-Unjoni, reġjuni remoti, periferiċi, insulari u muntanjużi, li jbatu minn perspettiva ġeografika, soċjali u ekonomika, għadhom qed jiffaċċjaw lakuna kbira fl-għoti ta' dawn is-servizzi; billi dawn ir-reġjuni huma partikolarment affettwati minn xejriet ta' densità baxxa, eżodu rurali u depopolazzjoni b'impatti negattivi fuq it-tixjiħ, it-tiġdid ġenerazzjonali u l-iżvilupp agrikolu; billi għandhom jiġu żviluppati sinerġiji msaħħa mal-Politika tat-Trasport tal-UE sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' reġjuni b'densità baxxa u dawk li qed tonqsilhom il-popolazzjoni; billi x-xejra attwali tat-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-UE għandha konsegwenzi ekonomiċi u soċjali importanti, bħal proporzjonijiet ta' dipendenza ogħla, pressjonijiet fuq is-sostenibbiltà fiskali u tas-sigurtà soċjali, u aktar piż fuq il-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali;

E. billi l-moviment liberu tal-ħaddiema huwa wieħed mill-erba' libertajiet tal-Unjoni Ewropea u s-suq uniku tagħha;

F. billi, għalkemm il-popolazzjoni tal-UE rat tkabbir sostanzjali fid-deċennji preċedenti, ir-rata ta' tkabbir issa qed tonqos u l-popolazzjoni mistennija li tonqos b'mod sinifikanti fuq perjodu ta' żmien itwal; billi fl-2015 l-UE esperjenzat l-ewwel tnaqqis naturali fil-popolazzjoni b'aktar imwiet milli twelid; billi fl-2019 l-Ewropa rrappreżentat biss 6,9 % tal-popolazzjoni tad-dinja, u sal-2070 se tirrappreżenta inqas minn 4 % tal-popolazzjoni tad-dinja, bi tnaqqis qawwi speċjalment fl-Ewropa tal-Lvant u tan-Nofsinhar minħabba l-kombinazzjoni ta' rati baxxi ta' fertilità u migrazzjoni intra-UE netta minn dawn iż-żoni; billi x-xejriet demografiċi fit-tul fir-reġjuni Ewropej qed ikomplu jindikaw rati tat-twelid aktar baxxi u soċjetajiet li qed jixjieħu, ħlief f'xi reġjuni ultraperiferiċi, u b'mod partikolari f'Mayotte, fejn huwa previst li sal-2050 il-popolazzjoni se tiżdied bi 38 % meta mqabbla mal-livelli tal-2010, flimkien ma' żieda korrispondenti ta' 26 % għall-Guyana Franċiża ([10]);

G. billi l-aspetti demografiċi għandhom jiġu integrati fil-politiki differenti, inkluż billi jiġu inkorporati fi prijoritajiet fit-tul; billi huwa importanti li tinġabar u tiġi mmonitorjata data statistika affidabbli u li jiġu appoġġjati r-riċerka u l-iskambju ta' prattiki tajba fil-livelli kollha sabiex jitrawwem fehim aħjar tal-isfidi demografiċi, jiġi antiċipat l-impatt tagħhom fuq is-swieq tax-xogħol, u jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi u effettivi biex jiġu żgurati ambjenti adattati għall-anzjani;

([10]) Sorsi: INSEE (Istitut Nazzjonali tal-Istatistika u l-Istudji Ekonomiċi ta' Franza), Nazzjonijiet Uniti.

Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021

H. billi l-kriżi tas-saħħa u ekonomika ġġenerata mill-pandemija tal-COVID-19 għamlitha ċara li s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, flimkien ma' finanzjament adegwat għall-kura tas-saħħa u dik soċjali u għall-ekonomija sostenibbli, tirrappreżenta forza mexxejja għall-proċess ta' rkupru u għall-ħolqien ta' soċjetajiet aktar inklużivi u aktar reżiljenti; billi l-pandemija tal-COVID-19 żvelat il-fraġilità tas-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħna, speċjalment b'rabta ma' popolazzjoni li qed tixjieħ; billi l-pandemija tal-COVID-19 issottolinjat għal darb'oħra l-importanza li jiġu salvagwardjati u promossi d-dinjità tal-anzjani u d-drittijiet fundamentali tagħhom fl-UE;

I. billi l-kriżi tal-COVID-19 x'aktarx li se jkollha impatt sinifikanti fuq ir-rati ta' twelid, ir-rati ta' mwiet u l-flussi migratorji fl-Ewropa, iżda l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali sħaħ tal-pandemija għadhom mhux magħrufa; billi l-impatti fuq perjodu ta' żmien qasir u twil fuq ix-xejriet demografiċi tal-miżuri straordinarji meħuda b'reazzjoni għall-kriżi se jkollhom jiġu analizzati bir-reqqa, inkluż minn perspettiva tal-ġeneru; billi studji preliminari jissuġġerixxu li l-pandemija aggravat l-inugwaljanzi eżistenti bejn l-irġiel u n-nisa, inkluża żieda f'xogħol ta' kura mhux imħallas u telf ta' impjiegi; billi l-kriżi tas-saħħa pubblika għandha impatt sproporzjonat fuq in-nisa u l-bniet, u b'mod partikolari fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli, li l-Politika ta' Koeżjoni għandha tqis, inkluż billi tmexxi l-investimenti fuq is-servizzi tal-kura u ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol f'dan is-settur, kif ukoll billi tappoġġja t-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-kura;

J. billi, mill-bidu tal-kriżi ekonomika fl-2008 'l hawn, ġie rreġistrat ċaqliq ta' professjonisti żgħażagħ edukati fl-Ewropa min-Nofsinhar u mil-Lvant tal-Ewropa lejn il-Majjistral tal-Ewropa; billi hemm korrelazzjoni kbira bejn il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi ta' reġjun u d-dinamika tal-eżodu jew tal-kisba ta' mħuħ tiegħu; billi r-reġjuni ta' oriġini u r-reġjuni ospitanti se jkollhom jaħdmu flimkien biex jindirizzaw l-isfidi ffaċċjati u jużaw approċċi integrati biex jiżviluppaw politiki fit-tul immirati lejn il-massimizzazzjoni tal-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjoni;

K. billi l-innovazzjoni u l-investiment fil-kapital uman huma l-motivaturi ewlenin tat-tkabbir soċjoekonomiku u tal-impjiegi għall-Istati Membri u għar-reġjuni tagħhom fuq perjodu ta' żmien medju sa twil;

Il-karatteristiċi u l-isfidi attwali relatati mat-tibdil demografiku fl-UE

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

1. Jissottolinja li l-erba' libertajiet huma l-pedament tal-kompetittività u l-valuri tal-UE; jinnota, madankollu, li għandha tingħata aktar attenzjoni lill-effetti tagħhom fuq ix-xejriet demografiċi u l-implikazzjonijiet relatati għall-bilanċ fl-Istati Membri u bejniethom, kif ukoll għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħhom; jissottolinja li l-UE qed tiffaċċja sfida demografika kbira, li, minkejja l-impatti differenti madwar ir-reġjuni, għandha tiġi rikonoxxuta u indirizzata b'mod olistiku sabiex jiġi rimedjat il-bilanċ demografiku naturali negattiv ta' dawn l-aħħar snin; billi t-treġġigħ lura tax-xejriet demografiċi negattivi attwali fit-territorji Ewropej permezz ta' miżuri li jindirizzaw il-kawża tagħhom u mhux biss il-konsegwenza tagħhom, għandu jkun prijorità għall-Unjoni Ewropea, flimkien mal-objettiv doppju li titħaffef it-tranżizzjoni klimatika u diġitali;

2. Josserva, f'dan il-kuntest, il-kuntrasti demografiċi sinifikanti marbuta ma' opportunitajiet ekonomiċi differenti, l-għoti ta' servizzi, l-aċċessibbiltà, it-trasport u l-konnettività diġitali, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri bejn ir-reġjuni ċentrali, metropolitani u l-periferija; itenni f'dan il-kuntest li n-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) jista' jkun effettiv biss jekk l-infrastrutturi tat-trasport lokali jiffunzjonaw b'mod effettiv; jenfasizza li dawn id-disparitajiet huma partikolarment viżibbli f'żoni rurali jew f'dawk li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew speċifiċi, bħal reġjuni skarsament popolati u reġjuni muntanjużi, kif ukoll dawk bejn l-art kontinentali u l-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi; itenni li l-aċċessibbiltà għall-biċċa l-kbira tal-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi hija kkaratterizzata minn trasport mhux frekwenti u li ta' spiss ikun għali;

3. Josserva li l-PDG per capita, il-livelli tal-introjtu, ir-rati tal-impjieg, ir-rati tal-fertilità, il-fatturi soċjoekonomiċi, id-distakk bejn ir-rurali u l-urban, u t-tixjiħ tal-popolazzjoni huma fost l-aktar fatturi importanti b'impatt dirett fuq id-demografija; jinnota li d-dinamika attwali tal-impjiegi qed tiġġenera b'mod partikolari flussi demografiċi fir-reġjuni tal-UE li jwasslu għal disparitajiet u sfidi soċjospazjali li se jkollhom bżonn jiġu indirizzati mill-politika ta' koeżjoni ta' wara

l-2020; jissottolinja li x-xejriet tal-migrazzjoni interna mir-reġjuni tal-Lvant, tan-Nofsinhar u minn dawk Ċentrali lejn ir-reġjuni tat-Tramuntana u tal-Majjistral jinvolvu fil-biċċa l-kbira ħaddiema żgħażagħ, edukati u tas-sengħa; jinnota li l-migrazzjoni minn ċittadini mhux tal-UE ppermettiet lill-UE tevita t-telf tal-popolazzjoni f'dawn l-aħħar snin;

4. Jirrimarka li l-Ewropa qed tesperjenza biċ-ċar tixjiħ tal-popolazzjoni u rati tat-twelid li qed jonqsu, li jaffettwaw il-proporzjon ta' dipendenza u li qed ikollhom effetti negattivi fuq it-tkabbir tal-forza tax-xogħol, li waqgħet ferm lura mir-rata tal-aħħar għaxar snin; iwissi dwar tnaqqis viżibbli tal-forza tax-xogħol fir-reġjuni Ewropej tal-Lvant, tan-Nofsinhar u dik Ċentrali; jenfasizza li t-tixjiħ tal-popolazzjoni jaffettwa wkoll l-ippjanar tad-djar u tat-trasport, il-ħtiġijiet ta' infrastruttura u ta' servizzi, kif ukoll is-sostenibbiltà fiskali u dik tas-sigurtà soċjali; jinnota li huma meħtieġa politiki dwar it-tixjiħ attiv sabiex titnaqqas id-dimensjoni negattiva tal-bidliet demografiċi, speċjalment fiż-żoni rurali u remoti, u li jiġi żgurat livell adegwat ta' kwalità tal-ħajja għall-abitanti kollha;

5. Jindika l-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa u l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi possibbli fuq perjodu ta' żmien medju u twil għad-dinamika tas-suq tax-xogħol; jiddispjaċih ukoll li l-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt negattiv fuq l-istennija medja tal-għomor fl-Ewropa; jissottolinja li l-awtoiżolament u l-miżuri ta' tbegħid soċjali, minkejja l-impatt pożittiv tagħhom fit-tnaqqis tar-rati ta' infezzjoni, kellhom effetti viżibbli fuq il-produzzjoni, id-domanda u l-kummerċ, u naqqsu l-attività ekonomika u wasslu għal livelli ogħla ta' qgħad, tnaqqis qawwi fl-introjtu korporattiv, u defiċits pubbliċi ogħla; jinnota li b'riżultat ta' dan, tista' tiġi prevista mewġa ġdida ta' migrazzjoni miż-żgħażagħ kemm internament fl-Istati Membri kif ukoll bejniethom;

6. Jissottolinja li l-kriżi tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa kixfet disparitajiet kbar fil-kwalità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u fl-aċċess għalihom; ifakkar, f'dan ir-rigward, fil-ħtieġa li jissaħħu s-servizzi pubbliċi fiż-żoni rurali, bħall-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, sabiex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi u d-differenzi sinifikanti ħafna fl-istennija tal-għomor abbażi tal-post ta' residenza, l-istatus soċjali u l-livell edukattiv; ifakkar li l-pandemija kixfet ukoll id-distakk diġitali, li taffettwa b'mod partikolari l-anzjani u dawk li jgħixu f'reġjuni inqas żviluppati, żoni rurali u/jew muntanjużi remoti, kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi;

7. Jissottolinja sfida oħra li saret viżibbli mill-pandemija, jiġifieri l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien deċenti għall-ħaddiema staġjonali, li huma importanti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet f'ċerti setturi ekonomiċi, speċjalment l-agrikoltura;

8. Jisħaq fuq il-fatt li d-determinazzjoni tad-dimensjoni tal-proċess tad-depopolazzjoni hija sfida fiha nnifisha, peress li r-rekords tal-istatistika ma jipprovdux data preċiża minħabba l-fatt li ċ-ċifri għall-persuni li jitilqu minn ċerti żoni huma disponibbli biss wara dewmien li jdum ħafna snin; jinnota, barra minn hekk, li l-previżjonijiet tal-popolazzjoni tal-Eurostat għall-għaxar snin li ġejjin jindikaw li kemm ir-reġjuni rurali kif ukoll dawk urbani jistgħu jiffaċċjaw telf fil-popolazzjoni; jirrimarka, f'dan il-kuntest, l-importanza li tiġi evalwata b'mod korrett id-dimensjoni tal-isfidi demografiċi u li dawn jiġu indirizzati b'mod adegwat, anke sabiex jiġu miġġielda r-radikalizzazzjoni u l-movimenti li jopponu l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea u biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; jirrakkomanda li tiġi esplorata l-possibbiltà li jintużaw indikaturi ulterjuri minbarra l-PDG u d-densità tal-popolazzjoni għall-klassifikazzjoni ta' territorji bi żvantaġġi gravi u permanenti; jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza ta' data demografika statistika aġġornata, diżaggregata tal-inqas fil-livell NUTS 3, biex isir monitoraġġ aħjar tal-impatt tax-xejriet demografiċi fuq it-territorji u biex ikunu jistgħu jittieħdu azzjonijiet aktar effettivi u ffokati biex jindirizzawhom; jitlob lill-Istati Membri jinvestu fl-immodernizzar tal-kapaċità tal-ġbir tad-data għall-evoluzzjonijiet demografiċi fil-livelli differenti tan-NUTS;

Dimensjoni lokali u reġjonali

Reġjuni ta' oriġini

9. Jinnota li b'mod ġenerali ż-żoni rurali, postindustrijali u l-bliet, li huma sottożviluppati meta mqabbla ma' żoni metropolitani ewlenin, kif ukoll territorji remoti, inklużi ġżejjer u l-biċċa l-kbira tar-reġjuni ultraperiferiċi, qed jiffaċċjaw numru ta' sitwazzjonijiet speċifiċi: tnaqqis konsiderevoli fin-numri tal-popolazzjoni, anke minħabba r-rati tat-twelid, livelli ta' introjtu aktar baxxi mill-medji nazzjonali jew tal-UE u diffikultajiet fl-integrazzjoni territorjali ma' reġjuni oħra, li jagħmilhom aktar vulnerabbli għar-riskju ta' depopolazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li din is-sitwazzjoni twassal ukoll għal diffikultajiet fl-aċċess għas-servizzi pubbliċi, bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa inkluż l-aċċess għal mediċini vitali; jirrimarka li r-reġjuni rurali bħalissa jirrappreżentaw 28 % tal-popolazzjoni Ewropea, iżda huwa previst li dan se jonqos b'mod sinifikanti fil-futur; jenfasizza li l-inizjattivi tal-UE diretti lejn iż-żoni rurali bħall-politika ta' koeżjoni

Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021

u dik agrikola, għandhom jissaħħu aktar permezz tal-promozzjoni ta' koordinazzjoni aħjar ta' inizjattivi ta' politika li jsaħħu l-impjieg taż-żgħażagħ, l-intraprenditorija, id-diġitalizzazzjoni u l-appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda; jilqa' f'dan ir-rigward l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tħaffef l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-broadband b'kapaċità għolja f'territorji skarsament popolati u rurali, u jqisha bħala opportunità biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja u jiġu promossi l-opportunitajiet tal-edukazzjoni, il-ħolqien tal-impjiegi, l-innovazzjoni, l-aċċessibbiltà aħjar għas-servizzi tas-saħħa u servizzi pubbliċi oħrajn, l-adattament għat-tibdil teknoloġiku u l-iżvilupp ta' postijiet kulturali u attivitajiet ta' divertiment; jenfasizza li n-nisa fiż-żoni rurali huma aspett essenzjali għall-iżvilupp ta' dawn il-komunitajiet, u li rikonoxximent akbar tax-xogħol u d-drittijiet tan-nisa fis-suq tax-xogħol rurali jnaqqas b'mod sinifikanti r-riskju tad-depopolazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu strateġiji speċifiċi biex jippromwovu l-emanċipazzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali; jinkoraġġixxi l-ġbir ta' data diżaggregata skont il-ġeneru sabiex tiġi identifikata u indirizzata kwalunkwe inugwaljanza attwali bejn il-ġeneri;

10. Jiġbed l-attenzjoni għal xi wħud mill-motivaturi ewlenin tat-tibdil demografiku, li jġieħlu lill-abitanti miż-żoni msemmija hawn fuq jitilqu u li jiskoraġġixxu lil persuni oħrajn milli jmorru jgħixu hemmhekk: infrastruttura fqira, inkluż nuqqas ta' internet broadband veloċi u nuqqas ta' networks tat-trasport, livelli għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ, inqas opportunitajiet ta' impjieg, partikolarment f'pożizzjonijiet li jirrikjedu edukazzjoni ogħla, u wkoll b'mod ġenerali għan-nisa, nuqqas ta' servizzi pubbliċi u privati, diffikultajiet fl-aċċess għas-servizzi tas-saħħa, inqas opportunitajiet fl-edukazzjoni, l-utilitajiet u s-servizzi soċjali, li jagħmluha aktar diffiċli li wieħed jadatta għat-tibdil teknoloġiku, u nuqqas ta' postijiet kulturali u attivitajiet ta' divertiment; ifakkar, barra minn hekk, fl-impatt tat-tibdil fil-klima u l-perikli naturali relatati miegħu fuq id-depopolazzjoni, bħal mewġiet qawwija ta' sħana li jwasslu għad-deżertifikazzjoni ta' ċerti żoni tan-Nofsinhar;

11. Jisħaq li dan in-nuqqas ta' diversifikazzjoni fl-istruttura ekonomika reġjonali ta' ċerti reġjuni jista' joħloq "tikketta" negattiva, anke fost l-abitanti tagħhom li jistgħu jesprimu nuqqas ta' sodisfazzjon bil-kwalità tal-ħajja u bil-faċilitajiet u s-servizzi għad-dispożizzjoni tagħhom; jesprimi tħassib, f'dan ir-rigward, dwar il-"ġeografija ta' skuntentizza" li qed tiżviluppa f'ħafna reġjuni tal-UE fejn in-nies iħossu li qed jitħallew lura, u li hija assoċjata mill-qrib mat-tibdil demografiku; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-effett tal-eżodu ta' mħuħ li jwassal għall-migrazzjoni ta' persuni mħarrġa sew u bi kwalifiki għolja minn reġjun jew pajjiż partikolari lejn ieħor; jirrimarka, b'mod partikolari, li l-"eżodu" tal-persunal mediku bħat-tobba u l-infermiera u l-persunal tat-tagħlim, li mar għall-agħar bit-tnaqqis sinifikanti li sar f'dawn l-aħħar snin fil-finanzjament pubbliku għall-kura tas-saħħa u dik soċjali, wassal għal deterjorament fil-kwalità tal-kura tas-saħħa u tal-edukazzjoni, li jagħmilha diffiċli, speċjalment fiż-żoni rurali, remoti u fir-reġjuni ultraperiferiċi, li wieħed ikollu aċċess għal kura u edukazzjoni ta' kwalità għolja;

12. Huwa tal-fehma li ż-żoni urbani huma esposti wkoll għad-depopolazzjoni, peress li, mill-1990 'l hawn, belt waħda minn kull ħamest ibliet fl-Ewropa esperjenzat tnaqqis fil-popolazzjoni; jinnota, madankollu, li t-tiċkin ta' popolazzjoni urbana mhux dejjem ikun proċess lineari kontinwu u jista' jkun episodiku jew temporanju, skont il-kuntest territorjali;

13. Jissottolinja xejra ta' "periferalizzazzjoni interna", fis-sens li r-reġjuni tal-Ewropa Ċentrali, tal-Lvant u tan-Nofsinhar jirrapportaw rata netta sostanzjalment negattiva ta' migrazzjoni tal-popolazzjoni, filwaqt li r-reġjuni tat-Tramuntana u tal-Punent tal-Ewropa jirrapportaw rata sostanzjalment pożittiva, u jirċievu għadd kbir ta' migranti ekonomiċi; iqis li dawn id-disparitajiet huma aggravati wkoll f'żoni rurali fejn il-politika ta' koeżjoni u r-riżorsi tal-PAK iridu jiffokaw b'mod aktar deċiżiv fuq l-innovazzjoni sabiex jinkoraġġixxu liż-żgħażagħ jibdew il-biedja, kif ukoll fuq id-diġitalizzazzjoni, il-mobbiltà rurali u l-iżvilupp ta' bliet intelliġenti, u fuq l-għajnuna lill-azjendi agrikoli tal-familja biex jibbenefikaw mill-innovazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda;

Ir-reġjuni ospitanti

14. Jirrikonoxxi li ż-żoni metropolitani madwar bliet kbar jirreġistraw rata ta' migrazzjoni pożittiva, b'movimenti karatteristiċi tal-popolazzjoni minn postijiet rurali għal urbani, bħala konsegwenza ta' konċentrazzjoni dejjem aktar urbanizzata fix-xejriet tat-tkabbir tal-impjiegi;

15. Jinnota wkoll li r-reġjuni li jippreżentaw sehem kbir ta' nies b'livelli għolja ta' edukazzjoni u li jipprovdu aktar opportunitajiet ta' xogħol għan-nies b'livelli għolja ta' edukazzjoni huma anqas esposti għall-proċess tad-depopolazzjoni;

16. Jenfasizza li s-setturi tal-ekonomija tal-għarfien jikkontribwixxu għall-iżvilupp reġjonali billi joffru livelli għoljin ta' kapital soċjali, networks u teknoloġija; jirrikonoxxi li l-attivitajiet ekonomiċi innovattivi tipikament jinsabu f'reġjuni teknoloġikament aktar avvanzati fejn agglomerazzjonijiet suffiċjenti ta' negozji "intelliġenti" huma aktar aċċessibbli;

17. Jissottolinja, min-naħa l-oħra, li l-konċentrazzjoni żejda tal-popolazzjoni f'ċerti żoni urbani diġà wasslet għal effetti sekondarji negattivi, bħall-kongestjoni, iż-żieda fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u tat-trasport, it-tniġġis, id-disponibbiltà insuffiċjenti tal-ilma, il-problemi tar-rimi tal-iskart, il-konsum għoli tal-enerġija, id-deterjorament tal-kwalità tal-ħajja, u t-tifrix tal-bliet, kif ukoll riskju sinifikanti ta' faqar u esklużjoni soċjali, u inċertezza għal ċerti taqsimiet tal-popolazzjoni; jissottolinja li dawn l-effetti negattivi għalhekk wasslu biex l-awtoritajiet lokali ma jkunux jistgħu jipprovdu servizzi lir-residenti kollha taż-żoni urbani; iwissi dwar xi wħud mill-effetti negattivi fuq is-saħħa pubblika tal-konċentrazzjonijiet għoljin tal-popolazzjoni fiż-żoni urbani, li ġew enfasizzati mill-pandemija tal-COVID-19;

18. Jinnota li l-migrazzjoni għandha impatt dirett fuq l-inklussività tal-bliet, li tirrikjedi reazzjonijiet politiċi mfassla apposta u miżuri ta' appoġġ f'kuntesti territorjali differenti; ifakkar f'dan ir-rigward li l-migranti ekonomiċi jikkontribwixxu aktar f'taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali milli jirċievu f'benefiċċji individwali; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-politiki ta' inklużjoni u li jiġu appoġġjati l-awtoritajiet lokali u reġjonali f'dan ir-rigward;

Reazzjonijiet imfassla apposta: is-sejba ta' soluzzjonijiet għall-isfida tat-tnaqqis demografiku

19. Jissottolinja l-importanza tal-inizjattivi attwali bħas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu, Għajxien Megħjun Kuntestwalment (AAL) u l-Komunitajiet ta' Innovazzjoni fl-Għarfien Diġitali u dwar is-Saħħa tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT); jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tindirizza l-isfidi demografiċi li jiffaċċjaw ir-reġjuni Ewropej, tqis is-soluzzjonijiet li diġà huma żviluppati minn dawn l-inizjattivi li jakkomodaw iċ-ċaqliq demografiku; jisħaq fuq l-importanza tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-Tagħlim tul il-Ħajja bħala mezz ta' appoġġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ f'żoni li jinsabu f'riskju ta' depopolazzjoni;

20. Jenfasizza li l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet professjonali u l-NGOs huma essenzjali għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' investiment fiż-żoni rurali u urbani għall-mobbiltà, l-aċċessibbiltà territorjali u s-servizzi bażiċi, u, għalhekk, biex jiġi sfruttat il-potenzjal taż-żoni kkonċernati, inklużi x-xejriet ekonomiċi, soċjali u demografiċi; jemmen, għalhekk, li għandu jkollhom rwol deċiżiv bħala parteċipanti attivi fl-iżvilupp ta' strateġiji territorjali li jirriżultaw mill-komunitajiet lokali; jenfasizza l-importanza li jiġi inkluż, meta jkun possibbli, rispons baġitarju speċifiku biex ix-xejriet demografiċi jitreġġgħu lura fil-programmi rilevanti tal-UE, u li jsiru valutazzjonijiet tal-impatt tal-politiki pubbliċi fuq id-demografija; jirrimarka li l-approċċ territorjali għall-istrumenti tal-UE, bħall-iżvilupp urban sostenibbli, l-istrateġiji ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità jew l-Investimenti Territorjali Integrati (ITIs) jistgħu jkunu għodda utli biex jinżammu u jinħolqu l-impjiegi, tissaħħaħ l-attraenza tar-reġjun, u tiżdied l-aċċessibbiltà għas-servizzi fil-livell lokali; jirrikonoxxi l-potenzjal kbir tal-ekonomija ċirkolari u l-bijoekonomija biex jiġu rivitalizzati dawn iż-żoni, u jappella għal assistenza teknika mfassla apposta biex jiġu appoġġjati l-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji, inkluż permezz tal-użu ta' metodi parteċipattivi li jinvolvu l-partijiet ikkonċernati lokali, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili;

21. Jirrimarka l-ħtieġa li tiġi żviluppata aġenda rurali Ewropea bil-għan li ttejjeb l-aċċessibbiltà, l-attraenza u l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali u remoti sabiex ikun hemm impatt pożittiv fuq l-operazzjoni bla xkiel tal-katina tal-provvista u s-suq intern; jinnota li l-aċċessibbiltà u l-attraenza ta' dawn iż-żoni jistgħu jittejbu permezz tal-aċċess għall-kapital għall-intraprendituri u l-SMEs u l-investimenti fl-ekosistemi tal-innovazzjoni biex jappoġġjaw il-ħolqien tal-għarfien u d-diffużjoni teknoloġika, kif ukoll permezz tal-forniment ta' servizzi pubbliċi u essenzjali ta' kwalità għolja, id-diġitalizzazzjoni, inkluż għan-negozji ż-żgħar, l-innovazzjoni diġitali u l-konnettività diġitali u servizzi tat-trasport ta' kwalità għolja; jemmen li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jidentifikaw provvisti adegwati ta' servizzi, bl-aktar mod effiċjenti possibbli, u li l-kunċett ta' "test rurali" għandu jintuża biex jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi taż-żoni rurali u remoti b'enfasi fuq l-implimentazzjoni tal-politika u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet adegwati;

22. Itenni li n-networks tat-trasport jista' jkollhom rwol deċiżiv fl-indirizzar tat-tibdil demografiku u t-twaqqif tad-depopolazzjoni billi jsaħħu l-konnettività rurali-urbana, inkluż permezz ta' investimenti fit-trasport pubbliku u servizzi oħra ta' mobbiltà f'żoni rurali; jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-importanza li tittejjeb l-infrastruttura tat-trasport inkluż permezz tal-manutenzjoni u r-rivitalizzazzjoni tal-konnessjonijiet eżistenti tat-trasport u l-forniment ta' konnessjonijiet mat-TEN-T, li huma partikolarment importanti fir-reġjuni rurali, periferali, insulari u fir-reġjuni ultraperiferiċi, permezz tal-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn networks tat-trasport sostenibbli u intelliġenti u t-tisħiħ tal-interoperabbiltà fis-sistemi tat-trasport bħala parti mill-Istrateġija ta' Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti;

Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021

23. Iqis li t-turiżmu rurali sostenibbli jista' jkollu rwol importanti ħafna fl-indirizzar tad-depopolazzjoni u fit-tisħiħ tal-ħolqien tal-impjiegi u tad-diversifikazzjoni ekonomika u demografika taż-żoni rurali;

24. Jirrikonoxxi li l-ħtiġijiet u l-isfidi ta' dawn ir-reġjuni rurali, inklużi dawk relatati mat-tibdil fil-klima, iridu jitqiesu fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u l-mobbiltà sostenibbli u intelliġenti f'konformità mal-miri tal-Patt Ekoloġiku; jemmen, barra minn hekk, li dawn l-investimenti se jippermettu tranżizzjoni ġusta u ugwali lejn ekonomija diġitali u sistema edukattiva diġitali online aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha, inklużi dawk l-aktar vulnerabbli; huwa tal-fehma, f'dan ir-rigward, li l-politika ta' koeżjoni għandha rwol fundamentali permezz ta' investimenti f'servizzi pubbliċi u essenzjali ta' kwalità għolja;

25. Iqis li l-Aġenda Urbana għall-UE, li tidentifika l-prijoritajiet u l-azzjonijiet ewlenin għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni urbani, tista' tikkontribwixxi biex issawwar strumenti xierqa li jippromwovu t-tkabbir, l-integrazzjoni, il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni u biex tindirizza l-isfidi soċjali; jinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati strateġiji mmirati lejn it-tisħiħ tal-ekonomija tal-għarfien u l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti fir-reġjuni Ewropej, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' networks tal-għarfien u l-għoti ta' appoġġ għal investimenti ta' kapital uman; jenfasizza r-rwol tal-bliet u r-reġjuni kemm f'żoni depopolati kif ukoll f'żoni b'popolazzjoni eċċessiva; itenni l-ħtieġa li aktar opportunitajiet ta' finanzjament isiru direttament disponibbli għall-bliet u r-reġjuni sabiex jiġu implimentati programmi lokalment, u jitlob li jiġi massimizzat l-użu tal-Inizjattiva Urbana Ewropea;

26. Jissottolinja li l-politika ta' koeżjoni għandha tikkontribwixxi għal integrazzjoni aħjar tan-nisa fl-ippjanar tal-politika għall-iżvilupp reġjonali u urban sabiex jitfasslu bliet u komunitajiet inklużivi fir-rigward tal-ġeneri li jaħdmu għal kulħadd; jemmen, barra minn hekk, li l-investimenti taħt l-FSE+ għandhom jippromwovu l-impjegabbiltà tan-nisa u tal-ġenituri waħedhom li qed ibatu biex isibu impjieg, għandhom jiżguraw finanzjament għal faċilitajiet affordabbli għall-indukrar tat-tfal u jappoġġjaw familji żgħażagħ; ifakkar li l-ħtiġijiet tat-tfal fil-kura ta' membru tal-familja jew li jgħixu waħedhom waqt li l-ġenituri jkunu qed jaħdmu barra mill-pajjiż għandhom jiġu indirizzati wkoll permezz ta' servizzi ta' konsulenza, aċċess għall-akkomodazzjoni, kura tas-saħħa u edukazzjoni; jenfasizza wkoll l-importanza ta' leġiżlazzjoni favur il-familja li tiffaċilita bilanċ sodisfaċenti bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

27. Jissottolinja li l-investimenti għandu jkollhom ukoll fil-mira appoġġ għaż-żgħażagħ, il-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà u gruppi vulnerabbli oħrajn hekk kif jidħlu jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol u jgħinhom isibu impjieg ta' kwalità, b'attenzjoni speċjali mogħtija liż-żoni rurali u remoti bl-aktar livell għoli ta' depopolazzjoni; jemmen li għandu jiġi esplorat ukoll taħriġ imfassal apposta bil-ħsieb li jiġu promossi l-kunċett ta' "ekonomija tal-benesseri", kif ukoll approċċi ta' tixjiħ attiv u b'saħħtu;

28. Ifakkar li l-ħtiġijiet tal-minoranzi etniċi għandhom jiġu indirizzati wkoll fil-kuntest tal-indirizzar tal-isfidi demografiċi;

29. Ifakkar fil-ħtieġa ta' strateġiji mmirati biex ireġġgħu lura l-migrazzjoni tal-ħaddiema fil-livell tal-UE, f'dak nazzjonali u f'dak reġjonali; jistieden lill-awtoritajiet lokali reġjonali, nazzjonali u tal-UE jiżviluppaw politiki li jżidu l-attraenza tar-reġjuni tagħhom f'termini ta' opportunitajiet ta' impjieg, u jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ fir-reġjuni ta' oriġini permezz tal-prevenzjoni, il-mitigazzjoni u r-risponsi xierqa bl-użu wkoll tal-mezzi pprovduti mill-politika ta' koeżjoni; jissottolinja f'dan il-kuntest li diġà hemm diversi inizjattivi f'diversi Stati Membri, bħal inċentivi għal ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati ħafna, bil-għan li l-eżodu ta' mħuħ jinbidel f'kisba ta' mħuħ għar-reġjuni kkonċernati;

30. Jisħaq li l-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19 affettwat lill-Istati Membri u lir-reġjuni kollha sa livelli differenti, u x'aktarx li twassal għal xejriet ġodda fil-flussi demografiċi; ifakkar f'dan il-kuntest li r-riżorsi addizzjonali għall-FEŻR u l-FSE pprovduti permezz ta' REACT-UE, għalkemm dan huwa biss strument temporanju li jfittex li jiżgura rkupru sod u robust tal-ekonomija tal-UE mill-kriżi, jistgħu jgħinu b'mod sinifikanti biex in-nies jibqgħu fl-impjieg, u joħolqu impjiegi ġodda f'żoni f'riskju ta' depopolazzjoni, inkluż permezz ta' appoġġ għall-SMEs u għal dawk li jaħdmu għal rashom; jilqa' l-introduzzjoni ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli, inkluż xogħol remot jew b'ħinijiet iqsar, u jissottolinja li dan l-appoġġ irid jingħata fuq bażi nondiskriminatorja;

31. Ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-pandemija enfasizzat l-importanza tad-diġitalizzazzjoni fl-ekonomija kollha biex ittaffi l-konsegwenzi tat-tbegħid soċjali u r-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment, kif ukoll biex tiffaċilita l-monitoraġġ jew it-telekonsultazzjoni tas-saħħa u tipprovdi servizzi tal-kura tas-saħħa f'żoni skarsament popolati jew f'żoni li qed jiffaċċjaw sfidi naturali jew demografiċi; jemmen li l-opportunitajiet offruti permezz ta' dan iridu jintużaw biex joħolqu impjiegi ġodda f'żoni b'tixjiħ demografiku;

32. Jindika ż-żieda fit-tixrid tat-telexogħol matul il-kriżi tal-COVID-19, u jemmen li dan jista' jkun għodda utli biex jitreġġgħu lura x-xejriet tad-depopolazzjoni fiż-żoni rurali, u jsir possibbli għaż-żgħażagħ edukati li jibqgħu f'żoni li altrimenti jitilqu minnhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirriflettu dwar kif it-telexogħol jista' jkollu impatt fuq il-mobbiltà intra-UE futura u l-attraenza perċepita ta' reġjuni differenti;

Rakkomandazzjonijiet tal-politika

33. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi strateġija dwar it-tibdil demografiku mibnija fuq l-elementi ewlenin li ġejjin: il-kundizzjonijiet ta' impjieg deċenti, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-aspett territorjali tal-politiki li jippromwovu l-attività ekonomika u l-impjiegi, il-forniment adegwat tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fit-territorji kollha, it-trasport pubbliku lokali effettiv, il-kura adegwata għall-persuni dipendenti u l-kura fit-tul, b'attenzjoni speċjali għall-forom ġodda ta' xogħol u l-impatt soċjali tagħhom;

34. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jimplimentaw approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi demografiċi permezz ta' strumenti tal-politika ta' koeżjoni, u jinkoraġġixxi l-promozzjoni ta' rħula intelliġenti u skemi oħra ta' inċentivi biex iżommu l-popolazzjoni u jattiraw liż-żgħażagħ lejn żoni rurali u semiurbani;

35. Ifakkar li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza se tipprovdi appoġġ finanzjarju fuq skala kbira biex l-ekonomiji tal-Istati Membri jsiru aktar reżiljenti u mħejjija aħjar għall-futur, u jinsisti li l-Istati Membri għandhom jipproponu, f'konformità maċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom, miżuri biex jindirizzaw it-tibdil demografiku, b'mod partikolari fiż-żoni l-aktar vulnerabbli, fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza; iqis li l-korpi lokali u reġjonali jeħtiġilhom ikunu involuti b'mod attiv fit-tfassil ta' dawn il-pjanijiet, peress li dan huwa qasam ta' importanza partikolari meta jiġu evalwati l-pjanijiet, u sussegwentement fil-ġestjoni tagħhom mill-Istati Membri; jemmen li għandhom jiġu żviluppati sinerġiji bejn il-politika ta' koeżjoni u l-programmi ta' Next Generation EU sabiex jiġi żgurat approċċ aktar komprensiv għall-isfidi demografiċi;

36. Jenfasizza l-importanza tal-JTF u l-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni tiegħu, li għandhom l-għan li jappoġġjaw lill-komunitajiet affettwati mit-tranżizzjoni tal-enerġija, filwaqt li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda għaż-żoni rurali u postindustrijali kif ukoll għat-tnaqqis tar-riskju tad-depopolazzjoni; iqis li f'dan ir-rigward għandu jingħata appoġġ lill-inizjattivi ta' kooperazzjoni lokali u reġjonali;

37. Itenni li t-tibdil demografiku huwa sfida fundamentali għall-UE, u li l-indirizzar tiegħu għandu jingħata prijorità fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi; ifakkar, f'dan ir-rigward, li wieħed mill-objettivi ewlenin stipulati fir-Regolament dwar il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (2021-2027) huwa li jiġu appoġġjati żoni urbani u rurali bi żvantaġġi ġeografiċi jew demografiċi, bl-Istati Membri li jkollhom jallokaw appoġġ finanzjarju tal-UE għal proġetti li jippromwovu żvilupp ekonomiku ambjentalment sostenibbli u soċjalment inklużiv fir-reġjuni kkonċernati; ifakkar, f'dan ir-rigward, li għandu jingħata appoġġ partikolari liż-żoni ta' livell NUTS 3 jew lil raggruppamenti ta' unitajiet amministrattivi lokali b'densità tal-popolazzjoni ta' inqas minn 12,5 abitanti għal kull kilometru kwadru, jew bi tnaqqis medju annwali fil-popolazzjoni ta' aktar minn 1 % bejn l-2007 u l-2017, li għandhom ikunu soġġetti għal politiki reġjonali u nazzjonali speċifiċi biex tiġi żgurata konnettività fiżika u tal-ICT aħjar, jittejbu l-aċċess għas-servizzi soċjali u l-kwalità tagħhom, jiġu promossi l-intraprenditorija u jinħolqu opportunitajiet ta' impjieg ta' kwalità għolja permezz tal-istrumenti ta' koeżjoni; jilqa' l-artikolu l-ġdid tal-FEŻR u r-Regolament dwar il-Fond ta' Koeżjoni li jappella għal pjanijiet nazzjonali biex jappoġġjaw żoni reġjonali u lokali li jkunu qed jiffaċċjaw tnaqqis demografiku kontinwu;

38. Jistieden lill-Istati Membri jimmobilizzaw aktar ir-riżorsi tal-FSE u tal-JTF u jikkombinawhom ma' investiment nazzjonali u lokali sabiex jindirizzaw l-esklużjoni soċjali, il-faqar enerġetiku u l-privazzjoni materjali, biex jikkumbattu b'mod effettiv id-distakk diġitali u l-esklużjoni diġitali, speċjalment fiż-żoni rurali u fost iż-żgħażagħ, l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà, u jiżguraw l-aċċess għal għodod u programmi diġitali u għal infrastrutturi ta' komunikazzjoni affordabbli; jappella, għalhekk, għal opportunitajiet aċċessibbli u affordabbli biex jinkisbu l-ħiliet diġitali b'mod li jkun adattat għall-ħtiġijiet tal-anzjani; jirrimarka li hemm ċans ikbar li dawn l-inizjattivi jirnexxu meta jkunu marbuta ma' opportunitajiet ta' skambju interġenerazzjonali; jemmen, f'dan is-sens, li l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni, ir-robotizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali jista' jiġi esplorat u promoss aktar, flimkien mal-iżgurar ta' standards etiċi għoljin filwaqt li tiġi żgurata l-inklużjoni, sabiex jittejbu l-awtonomija u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u s-saħħa ta' persuni akbar fl-età;

Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021

39. Itenni l-ħtieġa ta' aktar approċċi lokali u integrati tal-politika ta' koeżjoni, tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali tal-Politika Agrikola Komuni, u tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali għall-irkupru sabiex ikun hemm ġestjoni aktar faċli, iżda fl-istess ħin soda tar-riżorsi finanzjarji u sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji fost id-diversi fondi u għodod integrati tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva biex titnaqqas il-burokrazija u tiġi żgurata leġiżlazzjoni koerenti matul il-proċess kollu tal-implimentazzjoni tal-proġett u assistenza teknika ffukata fl-istadji kollha;

40. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu l-proċess ta' programmazzjoni u implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-2021-2027 b'rispett sħiħ għall-prinċipju tas-sħubija, u jqisu l-ħtiġijiet partikolari tar-reġjuni bi żvantaġġi demografiċi fil-ftehimiet ta' sħubija tagħhom; jisħaq fuq l-importanza li jiġu prijoritizzati l-ħtiġijiet reġjonali u subreġjonali, inkluż fir-rigward tal-aspetti demografiċi u migratorji u l-isfidi territorjali (urbani u rurali); jemmen li dawn l-istrateġiji għandhom ikunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt territorjali u demografiċi, imwettqa b'mod parallel ma' valutazzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u fejn xieraq tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija li jista' jikkontribwixxi għal żieda fir-rata ta' assorbiment tal-politika ta' koeżjoni b'mod parallel ma' kwalità mtejba tal-proġetti;

41. Jistieden lill-Istati Membri jqisu l-isfidi demografiċi differenti fit-tfassil tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, il-politiki nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp, l-istrateġiji fit-tul għall-iżvilupp sostenibbli u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni mfassla apposta, korrelatati mal-għanijiet tas-Semestru Ewropew, bil-għan li jiġi żgurat finanzjament xieraq li jkollu fil-mira l-indirizzar tad-depopolazzjoni u t-treġġigħ lura ta' xejriet negattivi u t-titjib tal-attraenza territorjali;

42. Jistieden lill-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali fir-reġjuni f'riskju ta' depopolazzjoni biex jiffokaw l-investimenti fuq modi kif jinkoraġġixxu familji żgħażagħ biex jistabbilixxu ruħhom f'dawk ir-reġjuni, kif ukoll fuq l-aċċessibbiltà universali għal servizzi u infrastruttura ta' kwalità, bil-parteċipazzjoni tal-SMEs u n-negozji tal-ġestjoni tas-servizzi, u enfasi fuq il-ħolqien tal-impjiegi, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, it-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, il-ħolqien ta' kundizzjonijiet intraprenditorjali u l-appoġġ għall-SMEs; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-appoġġ tagħhom għal dan il-għan; iqis bħala prijorità l-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni bikrija tat-tfal, is-servizzi ta' mobbiltà affordabbli, aċċessibbli u ekwi, il-faċilitajiet għall-kura tat-tfal biex titrawwem il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u fit-tagħlim tul il-ħajja, b'mod partikolari fiż-żoni rurali u fir-Reġjuni Ultraperiferiċi; jemmen li huwa partikolarment importanti li jinħolqu l-kundizzjonijiet it-tajbin biex iż-żgħażagħ jibqgħu f'dawn ir-reġjuni u biex jiġi indirizzat it-tluq bikri mill-iskola, filwaqt li jiġu offruti għażliet attraenti ta' edukazzjoni, taħriġ, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid fil-livell lokali u reġjonali, inklużi l-ħiliet diġitali, permezz tat-tagħlim fil-klassi jew mill-bogħod, biex jitħeġġu jkomplu l-istudji tagħhom f'dawn ir-reġjuni; jifhem li r-reġjuni se jeħtieġu l-appoġġ immirat tal-Unjoni u tal-Istati Membri f'dan l-isforz;

43. Jitlob li jsir aktar biex jiġu appoġġjati r-reġjuni li qed jiffaċċjaw żidiet sinifikanti fil-popolazzjoni, bħall-Mayotte u l-Guyana Franċiża, billi jintużaw riżorsi finanzjarji adegwati biex tiġi garantita l-kontinwità tas-servizzi bażiċi fi kwantità u kwalità suffiċjenti, b'mod partikolari fis-setturi tal-edukazzjoni, is-saħħa u t-trasport;

44. Iqis li huwa xieraq li l-awtoritajiet reġjonali u lokali jiġu involuti f'inizjattivi ta' governanza u ppjanar kooperattivi fit-tul f'diversi livelli; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jxerrdu prattiki tajbin dwar l-użu u l-benefiċċji ta' dan it-tip ta' governanza u ta' għodod ta' ppjanar għall-appoġġ tal-iżvilupp policentriku, u biex jużaw il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali (TIA) biex jitfasslu aktar politiki nazzjonali u tal-UE li jaffettwaw it-tibdil demografiku; itenni, f'dan ir-rigward, l-importanza kbira tal-involviment attiv u ġenwin tar-reġjuni fl-ippjanar u l-ġestjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għat-tisħiħ tal-effiċjenza tal-istrument;

45. Huwa tal-fehma li l-innovazzjoni u r-riċerka jista' jkollhom effetti konsegwenzjali pożittivi fil-livell reġjonali; jinkoraġġixxi lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell reġjonali u nazzjonali jużaw il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza l-ġdida u l-FEŻR biex jinvestu fl-estensjoni tal-broadband sabiex irawmu l-ekonomija diġitali u dik ibbażata fuq l-għarfien, kif ukoll jipprovdu riżorsi, servizzi u inċentivi pubbliċi ta' kwalità għolja, bil-għan li jżommu ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet u jippromwovu ċentri ta' riċerka fir-reġjuni differenti, u b'hekk iżidu l-attraenza taż-żoni depopolati speċjalment għat-talenti u l-intraprendituri żgħażagħ; jappella għal żvilupp ulterjuri tas-sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-programm Orizzont Ewropa kif ukoll inizjattivi oħra bħal dawk promossi mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija; iqis, barra minn hekk, li politiki fiskali attraenti għall-investiment tan-negozju permezz ta' rati tat-taxxa

mnaqqsa għall-familji u inċentivi fiskali għal min iħaddem u għall-persuni li jaħdmu għal rashom jiffaċilitaw il-ħolqien tal-impjiegi u l-opportunitajiet ta' investiment; jemmen, barra minn hekk, li jistgħu jiġu kkunsidrati miżuri li jħeġġu lill-familji żgħażagħ jixtru l-ewwel dar tagħhom, kif ukoll livell ogħla ta' flessibbiltà dwar ir-regoli tal-istat sabiex jingħelbu l-isfidi tad-depopolazzjoni;

46. Jinkoraġġixxi lir-reġjuni jisfruttaw il-vantaġġi kompetittivi tagħhom kif stabbilit fl-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti; jirrakkomanda l-iżvilupp tal-ħekk imsejħa "strateġiji oasi" li jiffokaw fuq is-setturi l-aktar ta' suċċess, vibranti u li qed jikbru, billi jisfruttaw il-potenzjal lokali għall-iżvilupp tar-reġjun; jistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jinvestu fl-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ b'enfasi fuq l-attirar ta' ħaddiema żgħażagħ u mħarrġa, iż-żamma ta' dawk li huma attwalment impjegati, l-inkoraġġiment tal-intraprenditorija kif ukoll fuq inċentivi lokali, nazzjonali u tal-UE; jissottolinja, barra minn hekk, l-importanza tal-promozzjoni ta' miżuri biex jitrawmu s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, it-tixjiħ attiv u l-opportunitajiet offruti mill-ħekk imsejħa "ekonomija tal-anzjani", bħala bidla ewlenija fil-politika għaż-żoni rurali, u dan ibiddel il-kwistjoni tat-tixjiħ tal-popolazzjoni f'opportunità għall-iżvilupp ta' żoni rurali;

47. Jisħaq fuq il-bżonn ta' perspettiva territorjali usa' f'konformità man-"New Leipzig Charter: The Transformative Power of Cities for the Common Good" (Karta Ġdida ta' Leipzig: Is-Setgħa Trasformattiva tal-Bliet għall-Ġid Komuni) u l-"Aġenda Territorjali 2030" biex jissaħħu n-networks urbani tal-bliet tat-tieni livell u ta' bliet iżgħar sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sinifikanti tagħhom biex isaħħu l-koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali lil hinn mill-fruntieri immedjati tagħhom, permezz ta' konnessjonijiet urbani-rurali, żoni funzjonali u kooperazzjoni reġjonali akbar;

48. Jistieden lill-Kummissjoni tiffoka fuq il-koordinazzjoni tal-politika fil-livell tal-UE dwar kwistjonijiet relatati ma' żoni ta' kooperazzjoni funzjonali f'livelli differenti, bħal dawk transfruntiera, makroreġjonali u rurali-urbani, sabiex tindirizza l-isfidi demografiċi;

49. Jinsisti li l-investimenti għandhom ikunu ffokati fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u l-kapital uman, peress li dawn għandhom il-potenzjal li jnaqqsu d-distanzi bejn l-utenti u jattiraw ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet sabiex jiġi evitat id-distakk diġitali u tiġi żgurata l-koeżjoni diġitali; jisħaq fuq l-importanza li jiġu ffinanzjati l-infrastrutturi tal-ICT, l-iżvilupp u l-użu ta' dawn it-teknoloġiji fost l-SMEs u l-iskejjel f'reġjuni rurali, insulari, muntanjużi u iżolati u reġjuni fi tranżizzjoni industrijali, inkluż permezz ta' finanzjament mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u l-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni b'mod ġenerali; jisħaq fuq l-importanza ta' sforz favur użu ugwali u parallel ta' dawn it-teknoloġiji fir-reġjuni u l-Istati Membri sabiex jitnaqqsu d-distakk tal-attraenza u d-distakk diġitali;

50. Jirrikonoxxi li l-"bliet kalamita" jikkontribwixxu primarjament għall-bini ta' "poli ta' tkabbir" reġjonali; jissottolinja, madankollu, li l-bliet tat-tieni livell għandhom rwol kritiku fl-iżvilupp reġjonali, u f'dan ir-rigward jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw fil-prattika strateġiji għall-iżvilupp armonizzat ta' dawn il-bliet;

51. Iqis li l-muniċipalitajiet għandhom jippromwovu inizjattivi ta' "innovazzjoni miftuħa", bl-użu tal-għarfien biex jitħaffef il-proċess tal-innovazzjoni u jiġi żviluppat approċċ kollaborattiv mas-sħab u l-partijiet ikkonċernati rilevanti bil-għan li jinħolqu ekosistemi tal-innovazzjoni reġjonali;

52. Jenfasizza l-potenzjal tal-ekonomija blu fit-treġġigħ lura tax-xejra demografika negattiva fi gżejjer żgħar u reġjuni marittimi periferiċi fl-UE; jisħaq li l-implimentazzjoni xierqa tal-attivitajiet tal-ekonomija blu, jekk tiġi mmonitorjata mill-qrib biex tittaffa kwalunkwe esternalità ambjentali negattiva u biex jiżdiedu l-benefiċċji soċjoekonomiċi għall-katina tal-valur kollha, inklużi n-negozji ż-żgħar, it-territorji interni u ċ-ċittadini lokali, tista' tgħin fil-ġlieda kontra d-depopolazzjoni fin-Nofsinhar tal-Ewropa u tikkontribwixxi biex id-dħul jinfirex mill-bliet kostali għall-irħula rurali, biex tiżdied l-inklużjoni soċjali u biex jintlaħqu l-objettivi inkorporati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew;

53. Jirrakkomanda, fejn ikun xieraq, it-tfassil mill-ġdid tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri, *inter alia* bl-iżvilupp ta' perkorsi edukattivi għal xogħlijiet li jkunu kompatibbli mat-telexogħol, flimkien ma' politiki li jevitaw l-eżodu ta' mħuħ permanenti mir-reġjuni ta' oriġini; jinsisti fuq l-użu ta' vantaġġi lokali u reġjonali, kif ukoll l-iżvilupp ta' faċilitajiet ekonomiċi u soċjali lokali u soluzzjonijiet apposta, mhux biss biex jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ, iżda wkoll biex dan il-fenomenu jitreġġa' lura; huwa tal-fehma li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inkluża l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, jistgħu jirrappreżentaw mod effettiv kif jistgħu jiġu kondiviżi l-ħiliet u l-esperjenzi professjonali, jittejjeb is-sett ta' ħiliet tal-ħaddiema u jsiru aktar reżiljenti kontra d-dinamika rapida tas-suq tax-xogħol, u b'hekk jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-eżodu ta' mħuħ; iħeġġeġ lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jiffaċilitaw l-aċċess għal sistema ta' edukazzjoni doppja sabiex itejbu t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg; iqis, barra minn hekk, il-promozzjoni ta'

Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021

"strateġiji tad-dijaspora" pan-Ewropej li jkollhom fil-mira t-tħeġġiġ ta' proċessi ta' ritorn għal dawk li kienu telqu lejn reġjun aktar attraenti, b'enfasi fuq l-istudenti tal-edukazzjoni għolja fl-agrikoltura u fl-ekonomija rurali li għandhom jiġu inċentivati jmorru lura lejn ir-reġjun tagħhom wara l-gradwazzjoni bil-ħsieb li jikkontribwixxu għall-vijabbiltà ekonomika tar-reġjuni ta' oriġini rispettivi tagħhom;

54. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-inizjattiva dwar il-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tinkludi soluzzjonijiet prattiċi u mezzi ta' appoġġ li jindirizzaw iż-żoni periferiċi u l-bidliet demografiċi; jemmen li din il-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali għandha tiżviluppa f'aġenda rurali Ewropea reali, b'objettivi tanġibbli u konkreti, u bl-involviment tal-atturi reġjonali u lokali rilevanti kollha, kemm fil-forma tagħha kif ukoll fl-implimentazzjoni tagħha; jemmen, barra minn hekk, li għandha tinkludi strateġija għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri akkumpanjata minn għodod tal-valutazzjoni tal-impatt; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, tipproponi ftehim ġdid dwar id-demografiji fl-UE bħala approċċ ta' politika fuq diversi livelli li jissarraf fi strateġija Ewropea dwar ix-xejriet demografiċi; jemmen li l-kwistjonijiet demografiċi, inklużi d-depopolazzjoni u t-tixjiħ, għandhom ikunu fost il-kwistjonijiet indirizzati matul il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa;

o

o o

55. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri.